Ott 2026

ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

SENA SĦIĦA TA' ĦIDMA KONTINWA, F'KULL QASAM, GĦAN-NADUR TAGĦNA!

ANOTHER YEAR OF CONTINUOUS WORK FOR NADUR













CHARTER ANNUAL MEETING

Ospitajna delegazzjonijiet minn kull pajjiż tal-UE fin-Nadur, għal-Laqgħa taċ-Charter 2025. Okkażjoni ta' tagħlim, esperjenzi, u kultura flimkien.

Hosting EU countries' delegations for Charter 2025 Annual Meeting.













25 SENA ĠEMELLAĠĠ MA' CICCIANO



Grupp ta' 105 persuna bi żjara f'Cicciano fejn saħħaħna dan il-ġemellaġġ u kibret il-ħbiberija.

Visit in Cicciano to celebrate 25 years of Twinning.


















Xogħol mis-Sindku Edward Said (2024-2026)

Works by Mayor Edward Said

- **Amministrazzjoni** – ħidma ma taqta xejn, kull ġurnata, sabiex inlaħħqu mar-rikjesti u x-xogħol tagħna.
- **Finanzi** – minkejja limitazzjonijiet kbar, mexjin lejn finanzi sostenibbli li jagħtuna ċans naħsbu għal proġetti ġodda, u qed nakkwistaw fondi minn ħafna skemi u fondi Ewropej.
- **Għaqdiet** – kuntatt kontinwu sabiex nikkollaboraw b'kull mod u b'kull riżorsa, kemm fil-ħidma tagħhom u anke fl-attivitajiet.
- **Infrastruttura** – impenn qawwi sabiex napplikaw għall-fondi, nwettqu proġetti ġodda, u nikkollaboraw biex isiru toroq ġodda.
- **Manutenzjoni** – ta' kuljum, flimkien mal-ħaddiema, sabiex in-Nadur jinżamm nadif u nlaħħqu mar-rikjesti tar-residenti.
- **Attivitajiet** – sehem dirett f'kull attivita li norganizzaw bħala Kunsill, kemm tal-massa u anke inizjattivi żgħar matul is-sena kollha.
- **Relazzjonijiet Internazzjonali** – sentejn li fihom saħħaħna kull ġemellaġġ, qed naħsbu f'oħrajn, u nagħtu opportunitajiet lil tant residenti.

SUMMER COURSES 2026

Art, Mosaic, Lace, Crochet, Crib Making, Modelling








LATRINA TA' SAN BLAS
XOGĦOL GĦADDEJ FUQ IL-BINI TA' LATRINA ĠDIDA F'SAN BLAS

Investiment ta' xejn inqas minn €120,000 sabiex din iż-żona tant imfittxija daqt ikollha Latrina ġdida, b'fondi minn LESA u Awtorita tal-Ippjanar (DPF).

Works ongoing on new Public Convenience at San Blas (funded by LESA and DPF).

















Xogħol mill-Viċi Sindku Kevin Curmi
(2024-2026)

Works by Vice Mayor Kevin Curmi

- **Fondi Ewropej:** NEXTGEN Nadur b'tiġdid tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill u segwitu ta' fondi Ewropej u finanzjament estern għal proġetti u inizjattivi fin-Nadur.
- **Traffiku & Infrastruttura:** Ħidma fuq il-pjan ta' traffic management għaċ-ċentru u titjib fis-sigurtà fit-toroq.
- **Kultura & Avvenimenti:** Ħidma fuq il-Karnival u Halloween, inkluż finanzjament, sponsorships u promozzjoni.
- **Relazzjonijiet Internazzjonali:** Proġett bejn Nadur u Zafferana Etnea u koordinazzjoni ta' żjara ta' tfal Ukreni f'Nadur.
- **Komunikazzjoni:** Tisħiħ permezz ta' mezzi soċjali, WhatsApp u aġġornamenti regolari.
- **Rappreżentanza:** Laqgħat tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex.
- **Finanzi & Amministrazzjoni:** Appoġġ biex il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill issir aktar sostenibbli u biex jiżdied il-finanzjament estern.

NADUR GARMIN
10K, 5K AND KIDS' RACES 2025













ATTIVITA' TAL-FESTA TA' SAN MARTIN 2025
ST. MARTIN FEAST ACTIVITY



XOW TAL-VETTURI U KAROZZI FIL-PJAZZA
VEHICLES AND CAR SHOW




HALLOWEEN IN NADUR 2025

L-AKBAR ATTIVITA TAL-HALLOWEEN FIL-GŻIRA, B'HAFNA LOGHOB, KOSTUMI, XOWS, ATTIVITAJIET U ĦELU - *Biggest Halloween event on the island with so many activities*























SKAMBJI B'FONDI EWROPEJ GĦAL KULL ETA' U PARTEĊIPAZZJONI FIĊ-CHARTER TAL-IRĦULA RURALI BARRA MINN XTUTNA



Kunsill li jipprovdi għexieren ta' opportunitajiet internazzjonali lin-Nadurin matul is-sena.

Several European funded exchanges and participation in Rural Charter Meetings.



















MILIED FIN-NADUR 2025

Ix-xahar ta' Diċembru jara raħal imżejjen, attivita mill-isbaħ u għall-ewwel darba parata tal-Milied, kif ukoll kompetizzjoni tal-Presepji.

Christmas in Nadur full of decorations, activities, parade and crib competition.
















Xogħol mill-Minority Leader Rebecca Vella (2024-2026)

Works by Minority Leader Rebecca Vella

- **Skemi** - ħidma biex nakkwistaw fondi għal attivitajiet tal-Karnival, Milied u Halloween
- **Attivitajiet** - ħidma fil-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat u l-Wine Festival, li tinkludi wkoll applikazzjonijiet għal fondi għal dawn l-attivitajiet
- **Edukazzjoni u Tfal**- ħidma mill-qrib mal-Iskola Primarja tan-Nadur, bdejna l-Kunsill tat-tfal u ħidma fuq il-ħarġa annwali tat-tfal.
- **Librerija** - ħidma fuq aktar inizjattivi biex tiġi frekwentata aktar, u attivitajiet fosthom l-Easter Egg Hunt
- **Toroq** - komunikazzjoni u ħidma mill-qrib ma' MGOV fuq diversi toroq fosthom il-proġett ta' Nadur-Qala link.
- **Proġetti** - ħidma kontinwa biex noħolqu iżjed proġetti li minnhom ikunu jistgħu jgawdu r-residenti.



Żjara preparatorja fl-Ungerija sabiex tibda ħbiberija ġdida ma' Nagycenk.
Preparatory visit in Nagycenk to start new friendships.





Żjara fin-Nadur minn tfal ta' skola mit-Turkija għal skambju edukattiv.
Turkish educational visit in Nadur.










Tfal minn Nursery tal-futbol tan-Nadur bi żjara f'Zafferana Etnea.
Football nursery visit in Zafferana Etnea.

TRIQ XANDRIKU





L-aħħar sena rajna xogħol fuq wiċċ u servizzi ġodda f'żewġ toroq oħra residenzjali. Proġetti infrastrutturali grazzi għall-investiment minn Water Services Corporation u l-Ministeru għal Għawdex.

Infrastructural works at two more roads thanks to investment by WSC and MGOZ.

TRIQ L-EMIGRANTI







INVESTIMENT KBIR FIL-PLAYING FIELD TAL-ĦALI

Grazzi għal fondi minn skema ta' Gvern Lokali u Awtorita tal-Ippjanar (DPF), saret bażi ġdida, tapit ġdid li jixraq, u multiplay kbira f'dan il-playing field popolari.

Investment in new multiplay and cushioning at Ħali playing field thanks to DLG and DPF funds.



SERATA TA' ĠIEĦ IN-NADUR 2025 U PREMIJIET
Locality Honour and Awards 2025







ĦARĠA GĦALL-ANZJANI
Seniors' Outing



ĦARĠA GĦAT-TFAL
Kids' Outing





Xogħol mill-Kunsillier Eucharist Camilleri (2024-2026)

Works by Councillor Eucharist Camilleri

- **Anzjani:** Organizzazzjoni ta' żjarat kulturali f'Malta u Għawdex, fosthom għand il-President ta' Malta u s-Sorijiet tal-Klawsura ta' Bormla.
- **Saħħa:** Diskussjonijiet dwar il-Berġa ta' Nadur.
- **Charter:** Delegazzjonijiet fl-Ungerija u l-Polonja; sehem dirett fil-Presidium u fil-laqgħa tal-adulti fin-Nadur.
- **Infrastruttura:** Sehem dirett fil-proġett tal-Latrina f'San Blas, laqgħat mal-Ministru għal Għawdex dwar il-Grawnd tal-Futbol, u appoġġ loġistiku lill-Kunsill fil-proġetti.
- **Kultura:** Membru attiv fis-sotto-kumitat tal-Milied, sehem fl-Ikla tal-Imnarja, u għajnuna fl-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill.

NADUR SPONTANEOUS AND ORGANISED CARNIVAL 2026

KARNIVAL FIN-NADUR LI JILQA' ELUF KBAR TA' NIES, U JIBQA' L-AKBAR FIL-PAJJIŻ. DIN IS-SENA B'ATTIVITA UKOLL GHAT-TFAL U WORKSHOPS DWAR IL-KARNIVAL.

Biggest on the islands, including also kids' initiative and workshops.














L-GĦID FIN-NADUR 2026

EASTER IN NADUR 2026

Fi żmien l-Għid il-Kunsill żamm produzzjoni oriġinali "X'inhi l-Verita?", kif ukoll attivita' għat-tfal fil-Librerija u tqassmu anke figolli f'nhar il-Għid stess.

Easter time saw the Council organizing an original production at the Church, a Library activity and giving figolli to kids.

























MNARJA 2026

Fl-aktar żmien importanti fir-raħal, il-Kunsill għen lill-Parroċċa u l-Għaqdiet, organizza l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat u Festa Tfal, u ħa sehem dirett fil-Purċissjoni tat-Tfal u fl-Ikla Tradizzjonali. Ingħata wkoll rigal fl-anniversarji ta' diversi saċerdoti.

Council active with several activities and initiatives during Nadur Feast 2026.

















THE DELICATA CLASSIC WINE FESTIVAL IN NADUR

AUGUST 2026 - 22ND EDITION



















PROGRAMM B'FONDI TAL-UE F'ZAFFERANA

Delegazzjoni bi programm kulturali, artistiku u edukattiv f'Zafferana ffinanzjat minn Fondi Ewropej (CERV), f'Marzu 2026.

Cultural and artistic programme in Zafferana (CERV EU Funds)















QRIB IL-KOMUNITA B'KULL MOD



Donazzjoni lil Fr. Raymond wara l-ħarġa tat-Tfal.

Donation to Fr. Raymond from Kids' Outing.



Preżentazzjoni ta' ktieb ġdid minn Nadur Matthew Curmi.

Book presentation by author Matthew Curmi.



Xogħol mill-Kunsillier Jean Paul Portelli (2024-2026)

Works by Councillor Jean Paul Portelli

- **Ambjent u Tindif:** Ħidma fuq l-indafa tar-raħal, ir-riċiklaġġ u inizjattivi ta' tindif.
- **Annimali:** Segwitu u koordinazzjoni dwar każijiet ta' annimali mitlufin u benesseri tal-annimali.
- **Ġonna u Spazji Pubbliċi:** Manutenzjoni u titjib tal-ġonna, spazji miftuħa u żoni ta' rikreazzjoni.
- **Kultura u Attivitajiet:** Kollaborazzjoni fl-organizzazzjoni tal-Wirja Agrarja, attivitajiet tal-Milied u attivitajiet oħra fil-komunità.
- **Kummerċ u Turiżmu:** Ħidma u komunikazzjoni man-negozji lokali u appoġġ għall-promozzjoni ta' Nadur.



ĦARĠIET GĦALL-ANZJANI
Seniors' Outings











MANUTENZJONI TELEPHONE BOX PJAZZA U FIT-TORRI TA' SOPU
Maintenance works at Telephone Box and Sopu Tower



CLEAN UPS
Thanks to Clean Up scheme by DLG

ĦIDMA MILL-QRIB MAL-ISKOLA PRIMARJA TAN-NADUR

Close collaboration with Nadur Primary School

Sena ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Iskola, fejn bnejna farm żgħir, ħadna sehem fil-gradwazzjonijiet, organizzajna Sports Day, u anke ħarġa f'Malta.

Working hand-in-hand with our School in projects, activities and graduations.













PROGRAMM
JUM IL-KUNSILL 2026

IL-ĦADD 1 TA' NOVEMBRU

Nadur Garmin 10K, 5K u Ġiri għat-Tfal li jitilqu mill-Pjazza (www.nadur10k.com).

01/11 – Nadur Garmin 10K, 5K and Kids' Races.

IS-SIBT 7 TA' NOVEMBRU

8.15am – Ħarġa kulturali speċjali għat-tfal tal-Primarja (Y1 sa Y6) bit-train u open top bus, nżuru Museum of Toys u David's Bakery u anke naraw film fiċ-Ċinema, fuq bażi ta' first come first served.

07/11 @ 8.15am – Primary Kids Outing (Y1-Y6).

7.30pm – Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja, fit-Teatru MBC, lejlet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu. Wara jkun hemm festin għal dawk preżenti.

07/11 @ 7.30pm – Musical Concert at MBC Theatre

MIS-SIBT 14, SAT-TLIETA 17 TA' NOVEMBRU

Mawra fl-Ungerija, Awstrija u Slovakja sabiex nibdew ħbiberija ġdida ma' Nagycenk.

14-17/11 – Tour in Hungary-Austria-Slovakia for a new friendship with Nagycenk.

IS-SIBT 21 TA' NOVEMBRU

7.00pm – Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika tan-Nadur, b'sufraġju għall-ex Kunsilliera li ħallewna.

21/11 @ 7pm – Official Mass Nadur Basilica

IL-ĦADD 22 TA' NOVEMBRU

3.00pm – Sports Day flimkien ma' Museum Subien, għat-tfal minn Year 1 sa Form 3 (bniet u subien). Tingħata medalja, trophies lir-rebbieħa, snack u drink.

22/11 @ 3.00pm – Sports Day for Year 1 till Form 3 students.

IL-ĦAMIS 26 TA' NOVEMBRU

4.00pm – Ħarġa Kulturali għall-Anzjani. Dettalji mill-uffiċju tal-Kunsill Lokali.

26/11 at 4pm – Senior Citizens Outing.

IS-SIBT 28 TA' NOVEMBRU

7.00pm – Serata uffiċjali ta' Jum il-Kunsill fejn jingħata Ġieħ in-Nadur u premijiet annwali oħra.

28/11 @ 7pm – Official Locality Honour Ceremony



ĠIEĦ IN-NADUR 2026

MARY ATTARD

Locality Honour 2026 goes to Ms Mary Attard. Congratulations!

Awguri mill-Qalb!